**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru** 9
**Citaz. Nru.** 1333/97 FDP

**Continental Insvestments Limited gja Five Effs Import/Export Co. Ltd.**

**Vs**

**Joseph Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fit—12 ta' Gunju 1997 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elfejn tmien mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u tliet centezmi (Lm2877.03) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' laham u haxix lilu mibjugh bl-ingrossa u debitament ikkonsenjat, kif ukoll fis-somma ta' disa' mija u hamsa u sittin liri Maltin u wiehed u

erbghin centezmu (Lm965.41) rapprezentanti l-imghax kummercjali kkalkulat mit-22 ta' Marzu 1993 b'kollox tlett elef tmien mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3842.44);

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat ihallas baqa' inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l—artikli 167 u 170 tal—Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u s—socjeta` attrici qed tannetti ma din ic-citazzjoni l—affidavit immarkat bhala Dok A;

Talbet ghalhekk is—socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas—sentenza skond it—talba ta' l—istanti b'dispensa ta' smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3842.44) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju 1996 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mit-2 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Ronald Galea ghan—nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici,

il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-17 ta' Lulju 1997 (li l-Qorti kienet awtorizzatu jipprezenta fl-Udjenza ta' l-4 ta' Lulju 1997) fejn gie eccepit:-

1. Illi fl—ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu ma xtara xejn mill-oggetti in kwistjoni ghax kien impjegat tal-kumpanija attrici;

2. Illi bla pregudizzju, fit-tieni lok l-ammont reklamat mhux dovut jew jekk hu dovut l-ammont huwa hafna inqas ghas-segwenti ragunijiet:

   i. illi minn dan l-ammont trid tithallas il-kummissjoni ta' 0.5% fuq prodotti distribwiti mill-eccipjent kif ukoll bonuses u paga li baqghet ma thallsitx lill—eccipjent;

   ii. illi hu ma rceviex l-ammont ta' oggetti hemm imsemmija;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax—xhieda minnu indikati;

Ezaminat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi is—socjeta` attrici intavolat din il-kawza peress li qed tallega li l—konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta’ Lm2877.03 (piu` l-interessi) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar tal-prezz ta’ laham u haxix mibjugh lilu bl-ingrossa;

Illi Ronald Galea, managing director tas-socjeta` attrici, fl-affidavit tieghu a fol 18 spjega li meta l-konvenut kien jixtri bil-*wholesale* minghand il—kumpanija attrici kienet tinhariglu *invoice* fuq ismu u meta jhallas lill-kumpanija attrici ta’ dak li huwa jkun biegh tinhariglu ircevuta fuq ismu wkoll, kif jidher minn Doks RG2 u RG3 a fol 20 u 21 tal-process. Meta waqaf jixtri bil-*wholesale* huwa rritorna l—istock li ma kienx ghadu biegh. Galea kompla jispjega li l-kont li Caruana kellu mas—socjeta` attrici gie ikkreditat bil—valur ta’ dan l—istock kif ukoll bil-valur tal-flus li ingabru minghand dawk li kienu ghadhom ma hallsuhx. Jikkonferma li l-bilanc finali li l-konvenut baqghalu jhallas lis—socjeta` attrici huwa ta’ Lm2877.03, kif jirrizulta mill-istess kont tal-konvenut mal-kumpanija attrici (Dok RG6, fol 22). Ix—xhud spjega li l-konvenut kien qallu li sejjer ihallas u li kien talbu xi ftit taz-zmien peress li kellu xi problemi, izda minkejja li huwa kien jibaghtlu l-kont kull xahar u jcempillu diversi drabi u anke jhallilu risposta ma’ ommu, dan baqa’ ma ghamilx kuntatt mieghu u wisq anqas hallas il-bilanc;

Illi fl-Udjenza tat—30 ta’ Marzu 1999 Dr. Albert Libreri ghas-socjeta` attrici iddikjara li ma

kienx fadallu aktar provi x'jipproduci f'dak l-istadju;

Illi l-Qorti osservat li l-konvenut ipprezenta l-affidavit responsiv tieghu fl—14 ta' Lulju 1999. Tosserva ukoll li ghas-seduti ta' l-14 ta' April 2000 u tal-21 ta' Gunju 2001 quddiem l—Assistent Gudizzjarju, il-konvenut debitament notifikat bl-istess seduti baqa' ma dehrx u dan anke meta ghal dik tal-21 ta' Gunju 2001 kien ingunt biex jixhed in kontro-ezami;

Illi peress li l-konvenut naqas li jissottometti ruhu ghall-kontro-ezami u naqas ukoll li jressaq provi ohra, is-socjeta` attrici ghamlet rikors fejn ilmentat li l-kawza kienet qed titwal inutilment u talbet li l-affidavit tal-konvenut jigi sfilzat u li l-kawza tmur ghas-sentenza, liema rikors gie milqugh;

Illi in assenza ta' provi da parti tal-konvenut biex isostni l-eccezzjonijiet minnu sollevati, il-Qorti ser ikollha toqghod biss fuq l-affidavit ta' Ronald Galea u d—dokumenti mressqa mis—socjeta` attrici li jikkonfermaw li l-konvenut huwa debitur tas—socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm2877.03 piu` l-interessi kummercjali fl-ammont ta' Lm965.41;

Illi minn naha taghha s-socjeta` attrici ressqet provi u dokumenti sufficjenti biex issostni l-premessi taghha u anki jikkontradixxu l-eccezzjonijiet maghmula mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l—Ewwel Talba;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis—socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u tnejn u erbghin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3842.44).

L—ispejjez u imghax fuq l-ammont ta' elfejn tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tliet centezmi (Lm2877.03) kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill—konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur